# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu 2002**

**Numru 1**

**Avviz numru 617/99mm**

**Atlas Insurance Agency Ltd u dina in rapprezentanza tas-socjeta' estera Guardian Royal Exchange Assurance PLC kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Charles Mercieca & Co Ltd abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-Ligi**

**vs**

**The Cargo Handling Company Limited u Il-Kontrollur tad-Dwana jew min minnhom**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fit-30 t'April 1999 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-attur nomine s-somma ta' Lm603.50 sitt mija u tlett liri maltin u hamsin centezmu, inkluzi l-ispejjez tas-surveyor, bhala d-danni

sofferti minnu li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti jew min minnhom u dan stante li huma unikament responsabbli ghan-nuqqasijiet u hsarat riportati fl-istess merkanzija u dana wara li tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghall-hsarat/nuqqasijiet kagjonati fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li waslu fuq il-vapur Murat Hacibekroglu fl-1 ta' Mejju 1998 u li ghalihom is-socjeta' attrici ghamlet tajjeb u ghalhekk hija surrogata fid-drittijiet tal-istess assigurat.

Bl-imghax legali mid-data tal-pagament mill-attur nomine lill-assigurat tieghu bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-Kontrollur tad-Dwana fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament, in-nuqqas ta' interpellazzjoni gudizzjarja permezz ta' ittra ufficjali jew protest ai termini tal-artikolu 460 tal-Kap 12.

Illi fil-meritu, l-esponent mhux legittimu kuntradittur f'din il-kawza, peress li r-rwol tieghu hu li jara jekk u kemm dazju hu dovut, u mhux responsabbli ghall-iskarikar, maniggar u ppustjar tal-merkanzija fl-imhazen salv biex iwettaq dmiru skond il-ligi.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited fejn eccepiet:

1. Illi preliminarjament, ghandu jigi ppruvat li n-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici sehhew waqt illi l-merkanzija meritu tal-vertenza odjerna kienet fil-kustodja u taht il-kontroll assolut u s-supervizjoni tas-socjeta' konvenuta u li l-istess merkanzija giet ikkonsenjata lis-socjeta' konvenuta ezenti mill-istess nuqqasijiet.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, is-socjeta' konvenuta mhijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet dedotti fic-citazzjoni attrici stante li hija qdiet l-obbligi kollha mposti fuqha mill-ligi;

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont ta' danni dedott fic-citazzjoni attrici huwa eccessiv u ghaldaqstant ghandu jigi ppruvat kif l-attur wasal ghall-ammont;

4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ebda imghax ma hu dovut stante li s-socjeta' konvenuta qatt ma giet interpellata biex thallas ebda ammont ta' danni, u li siccome din si tratta ta' kawza ta' danni, l-likwidazzjoni ta' l-ammont dovut tigi determinata bis-sentenza finali.

5. Illi ghaldaqstant, in vista tal-premess, it-talbiet attrici, l-kwantu diretti kontra s-socjeta' konvenuta huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu rispinti bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda nuqqasijiet u hsarat ikkagunati lill-*pallets* tal-*fiberboard* impurtati Malta fuq talba tas-socjeta' Charles Mercieca & Co Ltd.

Irrizulta mill-provi illi konsenja ta' hamsa u sebghin (75) *pallets fiberboard* gew impurtati tramite zewg *bills of lading* fuq il-vapur Murat Hacibekroglu fl-1 ta' Mejju 1998. Dawna tnizzlu minn fuq il-vapur dakinhar stess u tpoggew fit-tinda tal-Cargo Handling. Meta l-importatur Charles Mercieca & Co Ltd ircieva dawn il-pallets, sab illi kien hemm *bundle* nieqes u li kien hemm xi hsarat f'pallets ohra, ghalhekk ghamel talba lill-kumpanija assikurattrici biex taghmel tajjeb ghal dawn in-nuqqasijiet u hallset l-ammont ta' hames mija u sebgha u erbghin lira u hamsin centezmu (Lm547.50c) lis-socjeta' ta' Charles Mercieca & Co Ltd.

F'dan l-avviz is-socjeta' attrici qieghdha titlob dan l-ammont kif ukoll ic-cifra ta' sitta u hamsin lira (Lm56.00) ghas-*survey* li sar fuq il-merkanzija tad-ditta fuq imsemmija.

Ikkunsidrat:

Illi ghal fini ta' responsabbilta' l-aktar dokumenti mportanti huma l-*bills of lading*, t-*tally sheets* u l-*gate pass out*. Dawn id-dokumenti kollha jirrappurtaw l-importazzjoni ta' hamsa u sebghin (75) *pallet fiberboard*. Mhemm l-ebda kumment f'dawn id-dokumenti dwar xi haga nieqsa jew inkella xi hsara lil dawn il-*pallets*, biss huwa konfermat illi s-socjeta' Charles Mercieca & Co Ltd irceviet *pallet* nieqes. Dana kien ghaliex minn fost il-*pallets* illi gew importati kien hemm wiehed illi kien bla marki u ghalhekk minhabba procedura specjali li tinvolvi wkoll id-dwana dan il-*pallet* ma setghax jigi konsenjat mal-*pallets* l-ohra lill-importatur.

Skond Noel Spiteri *port delivery clerk* mal-Cargo Handling, gew importati hamsa u sebghin (75) *pallet* li kollha gew ikkonsenjati apparti wiehed illi kien bla marki. Sa fejn jaf hu, dan il-*pallet* ghadu fit-tinda. Saret il-procedura normali tramite l-*outer report* kif spjega ahjar fl-istess xhieda tieghu, biex dan il-*pallet* jigi identifikat, izda jidher ukoll illi ma sar l-ebda attentat mis-socjeta' Charles Mercieca & Co Ltd jew l-assikurazzjoni sabiex tiehu lura dan il-pallet.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti difficli tghid fejn tista qieghda r-responsabbilta' ghal dawn in-nuqqasijiet, jekk inhuma nuqqasijiet, jew hsarat. Skond is-*survey report* a fol

48 tal-process ma sar l-ebda *survey* dakinhar li gew impurtati dawn il-*pallets*. Fil-fatt hemm nota fejn tghid li l-ebda survey ma sar ghad illi gew irrappurtati *"pilferage u rough handling".*

Ta' min ighid illi dan is-*survey* sar fil-15 ta' Gunju 1998, ferm wara illi giet konsenjata l-merkanzija lis-socjeta' Charles Mercieca & Co Ltd. Bhalma gia nghad, id-dokumenti kollha li jikkoncernaw l-importazzjoni ta' dawn il-*pallets*, huma kollha bla rimarki, kemm it-*tally sheet*, kif ukoll il-*gate pass out* ma jirreferu ghall-ebda hsarat jew nuqqasijiet. Ghad illi gie ppruvat li hemm *pallet* nieqes u li ghadu fit-tinda tal-Cargo Handling.

Naturalment darba s-socjeta' Charles Mercieca & Co Ltd giet risarcita ghan-nuqqasijiet, dina m'ghandha l-ebda nteress tidentifika u tmur ghal dan il-*pallet*, peress illi teknikament dan jappartjeni lill-kumpanija assikurattrici u lanqas din ma tidher illi hadet il-passi necessarji sabiex tidentifika dan il-*pallet* u tiehu konsenja tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma tara l-ebda nuqqas fl-operat tal-konvenuti f'din il-vicenda. Ma giex pruvat illi s-socjeta' attrici sofriet xi danni b'kawza ta' xi negligenza u ma tara l-ebda responsabbilta' tal-konvenuti ghal dan il-*pallet* illi baqa fit-tinda tal-Cargo Handling. Bhalma gie spjegat il-marki fuq il-*pallets* isiru fuq il-port qabel ma tkun mghobbija l-merkanzija fuq il-vapur u peress illi din il-merkanzija tista tghaddi minn diversi stadji ta' *rough handling*, mhuwiex xi haga kbira li l-marki jaqghu minn fuq il-*pallets* u ghalhekk darba l-merkanzija tasal Malta u jkun hemm xi *pallet* jew pakket mhux identifikat, issir l-*outer report,* jidhlu l-Awtoritajiet tad-Dwana u b'hekk tkun tista tigi identifikata u moghtija lill-importatur. Jekk sar dan il-process,

l-importatur jidher li ma kellux interess peress illi huwa kien diga thallas mill-kumpanija assikurattrici.

Bhalma diga nghad il-Qorti ma tara l-ebda nuqqas fl-operat tal-konvenuti ghal dan il-*pallet* li baqa fit-tinda tal-Cargo Handling u spetta ghal min ghandu interess sabiex jirtirah, imma zgur ma ssibx lill-konvenuti responsabbli ghal dan in-nuqqas ta' haddiehor.

Ghal dawn ir-ragunijiet,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba tas-socjeta' attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit

Dep Reg